# QORTI ĊIVILI – PRIM’AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 396/2022 MH**

**Illum, 29 ta’ Lulju, 2022**

**Attard Bros Construction Materials Limited (C29511)**

**vs**

**CMF Construction & Turnkey Solutions Limited (C 93259)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat tas-socjeta attriċi tal-11 ta’ Mejju 2022** li permezz tiegħu ġie premess:

*“ 1. Illi s-soċjeta’ rikorrenti hija kreditriċi tas-soċjeta’ intimata fl-ammont ta’ tlieta u għoxrin elf, u sebgħa u tmenin euro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€23, 087.25) rappreżentanti l-bilanċ ta’ prezz dovut mis-soċjeta’ intimata lis-soċjeta’ rikorrenti għal diversi fornutrui ta’ naterjali tal-bini, inkluż steel mesh, steel bars, concrete, concrete specers, bricks, ramel ,żrar, jumbo bags, cement,xaħx, lintels, sika u stirrups mibjugħa u kkonsenjati lis-soċjeta’ intimata mis-soċjeta rikorennti, kif ukoll rappreżentanti kumpens dovut mis-soċjeta intimata lis-*

*soċjeta' rikorrenti għal servizzi ta' concrete pump, ta' ready-mix high up, u ta' trasport prestati lis-soċjeta' intimata mis-soċjeta' rikorrenti, u dan kollu fuq inkarigu tas-soċjeta' intimata stess, u skont ma jirriżulta mill-istatement(hawn anness bħala Dok. 'ABCML 1), u mill-fatturi u d-delivery notes relattivi(hawn anessi komplessivament bħala Dok. 'ABCML 2);*

*2. Illi għalkemm is-soċjeta' rikorrenti interpellat lis-soċjeta' intimata ripetutament sabiex tħallas l-imsemmi ammont hija baqgħet inadempjenti u ma ħallsitx;*

*3. Illi sa fejn taf is-soċjeta' rikorrenti, jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikoli 167 sa 170 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ billi fil-fehma tas-soċjeta' rikorrenti s-soċjeta intimata ma għandha l-ebda eċċezzjoni xi tressaq kontra t-talbiet soċjeta' rikorrenti.*

*4. Dawn il-fatti huma magħrufa lill-esponenti personalment.*

*5. Għalekk kellha ssir din il-kawża.*

*Għal daqstant, għar-raġunijiet premessi s-soċjeta' rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:*

*1. Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ, ai termini ta' l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta*

*2. Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjeta' intimate hija debitriċi tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammoont ta' tlieta u għoxrin elf, u sebgħa u tmenin euro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€ 23,087.25) rappreżentanti l-bilanċ ta' prezz dovut mis-soċjeta' intimate lis-soċjeta rikorrenti għal servizzi ta' concrete pump, ta' ready-mix high up, u ta' trasport prestati lis-soċjeta' intimata mis-soċjeta' rikorrenti, u dan kollu fuq inkarigu tas-soċjeta' intimata stess, u skont ma jirriżulta mill-istatement(hawn anness bħala Dok. 'ABCML 1), u mill-fatturi u d-delivery notes relattivi(hawn anessi komplessivament bħala Dok. 'ABCML 2);*

*3. Konsegwentament, tikkundanna lis-soċjeta' intimate sabiex tħallas lis-soċjeta' rikorrenti l-ammont ta' tlieta u għoxrin elf, u sebgħa u tmenin euro u ħamsa u għoxrin ċentezmu (€23,087.25);*

*Bl-ispejjez, inklużi dawk tal-ittra ufficjali bin-numru 175/2021 ippreżentata fil-25 ta' Novembru, 2021 fl-ismijiet premessi ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, oltre l-imgħax legali b'effett mit-28 ta' April, 2021 sad-data tal-effettiv pagament kontra s-soċjeta intimate li r-rappreżentanti ta' liema huma minn issa stress inġunti għas-subizzjoni tagħha."*

Rat li ghalkemm debitament notifikata s-socjeta konvenuta ma resqet ebda risposta.

Rat illi fis-seduta tad-29 ta' Lulju, 2022 deher Wayne Ciantar in rappresentanza ta' CMF Construction & Turnkey Solutions Limited fejn permezz tal-avukat tieghu prezenta nota ta' ammissjoni seduta stante.

Rat illi fl-istess seduta tad-29 ta' Lulju, 2022 il-partijiet qablu li l-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

**Ghaldaqstant in vista tal-istess nota ta' ammissjoni, il-Qorti tilqa t-talbiet kollha kif dedotti fir-rikors promotur tal-11 ta' Mejju, 2022.**

**Spejjes a karigu tal-konvenut.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**

**Dep. Reġ.**